MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Rikors Kongunt Numru. 387/2012

**AB**

**u**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Lulju, 2012;

Rat illi l-partijiet izzewgu fl-4 ta' Awissu 2007;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi huma ippruvaw illi ilhom legalment separati mis-6 ta’ Frar 2009 u illi ilhom de facto separati ghal aktar minn erba’ snin;

Illi l-partijiet ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Il-Qorti rat ukoll illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal u illi skond il-kuntratt ta’ separazzjoni gie dikjarat illi ir-ragel irrinunzja mid-dritt illi jiehu jew jitlob manteniment minghand il-mara, filwaqt illi l-mara iddikjarat illi ma kienitx ser titlob manteniment minghand ir-ragel;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------